32001R1639

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1639/2001
tal-25 ta' Lulju 2001
li jistabbilixxi l-programmi minimi u estiżi tal-Komunità għall-ġbir tad-*data* fis-settur tas-sajd u li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità' Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000, tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi sett ta' liġijiet tal-Komunità għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* tas-sajd meħtieġa biex issir politika komuni tas-sajd [1], u partikolarment l-Artikoli 5(1) u 8(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1543/2000 jistabbilixxi sett ta' liġijiet tal-Komunità għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* meħtieġa biex jeżaminaw is-sitwazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u s-settur tas-sajd. Għal dan il-għan, jistipula li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-*data* tas-sajd skond il-programmi tal-Komunità.

(2) Għalhekk hemm bżonn li jiġi stabbilit programm minimu tal-Komunità li jkopri l-informazzjoni li hija strettament meħtieġa għall-eżamijiet xjentifiċi u li jiġi stabbilit programm estiż tal-Komunità li wkoll jinkludi informazzjoni li probabbli ttejjeb b'mod deċiżiv l-eżamijiet xjentifiċi.

(3) L-informazzjoni meħtieġ għal kull programm tinġabar f'forma ta' moduli ta' eżami li jkopru l-kapaċitajiet tas-sajd u l-isforz tas-sajd, il-qabdiet u, finalment, is-sitwazzjoni ekonomika tas-settur.

(4) Il-programmi ta' l-Istati Membri għall-ġbir tad-*data* għall-eżamijiet xjentifiċi għandhom ikunu kompatibbli mal-ġbir tad-*data* għall-amministrazzjoni ta' aspetti oħra tal-politika komuni tas-sajd u mal-ġbir tad-*data* skond l-obbligi ta' l-Istati Membri lejn il-programm ta' statistika tal-Komunità.

(5) Regoli dwar it-trasmissjoni ta', u aċċess għad-*data*, inkluż dwar il-kunfidenzjalità kif ukoll ir-regoli dwar il-modifiki tekniċi u l-eżenzjonijiet mill-programmi tal-Komunità, għandhom ikunu preskritti. Proċeduri li għandhom x'jaqsmu mas-sorveljanza tal-programmi nazzjonali wkoll għndhom ikunu stabbiliti.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni għas-Sajd u l-Akwakoltura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Il-programmi minimu u estiżi tal-Komunità riferuti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 huma hawnhekk stabbiliti kif preżentati fl-Anness.

Dan ir-Regolament ukoll iniżżel ċerti regoli dettaljati għad-*data* li għandhom jinġabru taħt il-programmi nazzjonali ta' l-Istati Membri.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. "segment" ifisser grupp ta' bastimenti omoġeni kemm jista' jkun bħala karatteristiċi fisiċi u fl-użu ta' tagħmir tas-sajd li joħroġ minn parti ta' segmenti li jinsabu fir-raba' programm multi-annwali ta' gwida (MAGP IV);

2. "flotta kummerċjali tas-sajd" tfisser bastimenti reġistrati u liċenzati, skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3690/93 [2] jew inkella awtorizzati biex jistadu għall-esplojtazzjoni tas-sajd; informazzjoni li fuqha l-Istati Membri għandhom jipprovdu lir-reġistru tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2090/98 [3];

3. "sajd ta' rikreazzjoni u ta' sport" tfisser l-attivitajiet kollha tas-sajd li ma jsirx għal skopijiet ta' sajd kummerċjali;

4. "*data* primarja" tfisser *data* assoċjata mal-bastimenti individwali, persuni naturali jew legali jew kampjuni individwali;

5. "poter effettiv ta' sajd" tfisser l-istima tal-poter tas-sajd tal-bastimenti mqabbla mal-qabdiet li jsiru minn dawk il-bastimenti;

[1] ĠU L 176, tal-15.7.2000, p. 1.

[2] ĠU L 341, tal-31.12.1993, p. 93.

[3] ĠU L 266, ta' l-1.10.1998, p. 27.

6. "poter nominali ta' sajd" tfisser l-espressjoni tas-saħħa tas-sajd b'karatteristika fisika (saħħa tal-magna jew tunnellaġġ) jew b'tagħqid ta' dawn il-karatteristiċi;

7. "sforz ta' sajd" tfisser, għal bastiment, il-prodott tal-poter tas-sajd tiegħu u ż-żmien ta' l-attività ta' sajd tiegħu u għal grupp ta' bastrimenti, it-total ta' l-isforzi tas-sajd tal-bastimenti kollha konċernati;

8. "tip ta' teknika" tfisser l-użu ta' tagħmir speċifiku tas-sajd, jew għall-użu ta' tagħmir ta' sajd wieħed jew aktar ġewwa grupp ta' tagħmir;

9. "tagħqid ta' post u żmien" tfisser it-tagħqid ta' perjodu ta' żmien u ta' stratifika ġeografika f'żoni iżgħar;

10. "teħid ta' kampjuni li ma jħalli xejn" tfisser studju ta' popolazzjoni f'sens statistiku rigward parametru, jekk l-individwi kollha li jikkostitwixxu l-imsemmija popolazzjoni huma verament eżaminati;

11. "industrija ta' l-ipproċessar" tfisser l-industrija involuta fil-preparazzjoni u l-priservazzjoni tal-ħut, gandoffli jew molluski kif ukoll fil-preparazzjoni tal-prodotti li fihom il-ħut, il-gandoffli jew il-molluski;

12. "settur ta' l-industrija ta' l-ipproċessar" tfisser parti mill-industrija ta' l-ipproċessar ibbażata fuq it-tip ta' proċessar (friżat, mielaħ/imnixxef, iffumigat, fil-bottijiet, platti preparati, oħrajn) u fuq il-kanali skond il-gruppi ta' l-ispeċi konċernati (speċi tal-qiegħ u tal-fond, Thunnidae, speċi pelaġiċi barra t-Thunnidae, speċi oħra ta' ħut, gandoffli, molluski, bivalvi, molluski oħra, oħrajn);

13. "*data* aggregata" tfisser id-*data* aggregata kif definiti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000;

14. "unit funzjonali" tfisser grupp operazzjonali ta' rettangoli ta' statistiċi, li jikkorrospondu għall-medda ta' distribuzzjoni ta' ħażniet bijoloġiċi li huma iżolati ġeografikament jew ġbir ta' ħażniet bijoloġiċi żgħar kif preżentati fl-Appendiċi II;

15. "qabdiet" tfisser it-toqol totali ħaj tal-ħut li l-ewwel jinqabad i.e. il-qabdiet mingħajr tnaqqis;

16. "li jittella' l-art" tfisser it-toqol ħaj ekwivalenti ma' dak li jittella' l-art i.e. il-qabda nominali;

17. "imneħħija" tfisser it-toqol totali ħaj tal-ħut żgħir bħala daqs, ma jistax jinbiegħ, jew inkella mhux mixtieq, imneħħi meta jinqabad jew ftit wara.

Artikolu 3

Ħtiġiet għall-programmi nazzjonali

Il-programmi nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri jikkunsidraw il-programmi tal-Komunità ippreżentati fl-Anness jinkludu partikolarment:

(a) il-konnessjonijiet mal-programmi tal-Komunità, li jispeċifikaw l-azzjonijiet ippjanati skond is-sezzjoni u skond riferenza għall-programm;

(b) l-elementi tal-kontijiet analitiċi mqassma skond is-sezzjoni u skond il-programm kif ukoll skond iż-żona ġeografika kif preżentati fl-Appendiċi I, livell 2;

(ċ) fil-każ ta' teħid ta' kampjuni, deskrizzjoni dettaljata fuq l-istrateġiċi li għandhom ikunu segwiti u l-istimi statistiċi wżati li jagħmluha possibbli li jkunu apprezzati l-livelli ta' preċiżjoni u r-relazzjoni bejn l-ispiża u l-preċiżjoni;

(d) l-elementi li jagħmluha possibbli li tintwera ko-operazzjoni u tqassim ta' xogħol bejn l-Istati Membri.

Il-programmi jipprovdu għal stimi tal-livelli ta' preċiżjoni riferuti fil-punt (ċ) sal-31 ta' Mejju 2003 l-aktar tard.

Artikolu 4

Sottomissjoni tal-programmi nazzjonali

Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena l-aktar tard, b'mod elettroniku, il-programm nazzjonali tiegħu riferut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000.

Artikolu 5

Trasmissjoni ta' *data* lil organizzazzjonijiet internazzjonali

1. *Data* msemmija f'dan ir-Regolament tista' tkun trasmessa mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti skond ir-regoli speċifiċi u d-disposizzjonijiet regolatorji ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

2. L-Istati Membri javżaw lilll-Kummissjoni bit-trasmissjoni ta' l-informazzjoni riferuta fil-paragrafu 1 u jipprovdu lill-Kummissjoni kopja komputerizzata meta mitluba.

Artikolu 6

Ko-ordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni teżamina l-programmi nazzjonali u tiċċekkja li l-kondizzjonijiet provduti f'dan ir-rigward qed jitħarsu.

Jekk l-eżami mill-Kummissjoni ta' programm nazzjonali juri li l-kondizzjonijiet mhux jitħarsu, il-Kummissjoni minnufih javżaw l-Istat Membru konċernat u tipproponi emendi għal dak

il-programm. Wara dan, l-Istat Membru konċernat jista' jibgħat programm nazzjonali rivedut.

2. L-Istati Membri jibagħtu, sal-31 ta' Mejju 2003 l-aktar tard u sa kull 31 ta' Mejju ta' wara s-sena ta' l-applikazzjoni tal-programm 'il quddiem, rapport tekniku ta' l-attività li juri fid-dettal l-istat ta' tlestija ta' l-għanijiet stabbiliti meta tħejjew il-programm minimu u l-programm estiż.

3. Kull Stat Membru jinnomina l-awtorità relevanti nkarigata mill-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament, minn issa "l quddiem riferuta bħala" l-korrispondent nazzjonali.

4. Kull Stat Membru jikkomunika sal-31 ta' Mejju 2001 l-aktar tard il-partikolarijiet tal-korrispondent nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

5. Il-korrispondent nazzjonali jinforma lill-Kummissjoni regolarment bl-istat tal-progress tal-programmi nazzjonali.

Artikolu 7

Non-konformità mal-programmi tal-Komunità

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligi mniżżla fil-moduli tal-programmi tal-Komunità mhumiex rispettati minn Stat Membru u li l-Istat Membru konċernat irċieva assistenza finanzjarja Komunitarja għal dawn il-moduli, tinforma l-Istat Membru konċernat li twettaq stħarriġ amministrattiv.

L-Istat Membru jinforma lill-Kummissjoni bil-progress u bl-iskoperti ta' dan l-istħarriġ u jibgħatilha kopja tar-rapport imħejji wara l-istħarriġ, u jinnotifika l-elementi ewlenin li fuqu huwa bbażat.

Il-Kummissjonii tista' tiddeċiedi li titlob lura kull somma li tħallset għalxejn, bl-imgħax għall-perjodu in kwestjoni.

Artikolu 8

Modifiki tekniċi u eżenzjonijiet

1. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-modifiki ta' l-istħarriġ riferut fl-Anness, taqsima G(1)(iii) fuq il-bażi tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd (minn issa 'l quddiem msejjaħ STECF).

2. Il-Kummissjoni tista', fuq il-parir ta' l-STECF u skond il-proċedura riferuta fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000, tiddeċiedi fuq l-eżezjonijiet mill-obbligi preżentati fl-Anness, taqsimiet H u I.

Artikolu 9

Amministrazzjoni tad-*data* primarja u magħquda

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex id-*data* primarja miġbura taħt dan ir-regolament ikunu trattati b'mod kunfidenzali.

2. Id-*data* primarja tinżamm għaż-żmien li hemm bżonn biex jitwettaq kull inkarigu relevanti u mill-inqas għal ħames snin.

3. Kull Stat Membru jiżgura li d-*data* magħquda tal-programmi tal-Komunità jiddaħħlu f'*databases* komputerizzati aċċessibbli permezz ta' metodi elettroniċi mill-Kummissjoni u mill-korrispondenti nazzjonali skond l-Artikoli 10 u 11.

4. Id-*data* magħquda msemmija fil-paragrafu 3, ma jistgħux jinkludu xi evidenza li tagħmilha possibbli li jkunu identifikati bastimenti, persuni naturali jew legali individwali.

5. L-Istati Membri jiggarantixxu s-sigurtà ta' l-ipproċessar tad-*data* fuq is-sistemi ta' komputer rispettivi tagħhom, partikolarment meta t-trattament jeħtieġ trasmissjoni bin-network.

6. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa biex jipproteġu l-informazzjoni kontra xi tħassir aċċidentali jew illeċitu, telf aċċidentali, deterjorazzjoni, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhux awtorizzata u kontra kull forma ta' trattament mhux xieraq.

Artikolu 10

Aċċess għad-*data* mill-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni tixtieq tuża d-*data* magħquda miġbura skond dan ir-Regolament, tispeċifika lill-Istati Membri konċernati d-*data* in kwestjoni.

2. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konsultazzjoni mbegħda tad-*data* in kwestjoni jew id-duplikazzjoni tagħha f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx l-20 ġurnata xogħol.

3. Jekk Stat Membru mhux f'posizzjoni li jaqdi t-talba għall-aċċess magħmula mill-Kummissjoni, għandha minnufih tavża lill-Kummissjoni u tagħti r-raġunijiet.

4. Meta fajl tal-kompjuter ikun imħejji mill-Kummissjoni mid-*data* ta' l-Istati Membri, dan il-fajl ma jistax jinżamm għal aktar minn 20 ġurnata xogħol wara d-data li għaliha kienet mitluba l-informazzjoni u għalhekk irid jinqered ħlief meta ftehim espliċitu bil-kitba jinkiseb mill-Istat Membru konċernat.

Artikolu 11

Aċċess għad-*data* mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw l-aċċess mill-korrispondenti nazzjonali ta' l-Istati Membri l-oħra, għad-*databases* komputerizzati li fihom id-*data* magħquda.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra r-raġunijiet li jiġġustifikaw sospensjoni mill-aċċess għad-*data* koperti b'dan ir-Regolament.

3. Jekk korrispondent nazzjonali jixtieq aċċess għad-*data* miżmuma minn Stat Membru ieħor, jibgħat talba lill-korrispondent nazzjonali responabbli għall-aċċess ta' dawn id-*data*. Dak il-korrispondent nazzjonali jwieġeb għat-talba fi żmien 10 ġranet xogħol wara dik it-talba u jrid jagħti r-raġunijiet għal kull ċaħda.

4. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim jew jiftehmu fuq protokolli ta' IT li għandhom x'jaqsmu ma' aċċess ta' komputer sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għad-*databases*. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien. L-ispejjeż ġenerati bl-aċċess għad-*databases* jitħallsu mill-korrispondent nazzjonali li qed jitlobha.

Artikolu 12

Kunfidenzalità

Il-membri ta' l-STECF u l-parteċipanti tal-laqgħat li hija torganizza mhux permess li jagħmlu kopja ta' parti jew tad-*data* kollha għall-użu barra l-laqgħa.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tieghu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

KAPITOLU I

KONTENUT U METODOLOĠIJA

A. **Kontenut tal-programmi tal-Komunità**

1. Il-programm minimu tal-Komunità riferut fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 magħmul mill-moduli li ġejjin:

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni tad-dħul: kapaċitajiet tas-sajd u sforz tas-sajd;

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni u tat-teħid tal-kampjuni tal-qabdiet u ta' li jittella' l-art;

   (ċ) modulu ta' l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tas-settur.

2. Il-programm estiż tal-Komunità riferut fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1543/2000 magħmul mill-moduli riferuti fil-punt 1 kif ukoll l-informazzjoni addizzjonali li hija speċifikata għal kull modulu.

3. Għal kull modulu l-parametri li għandhom ikunu sorveljati, il-livelli ta' disaggregazzjoni u l-livelli ta' preċiżjoni li għandhom jintlaħqu huma speċifikati għall-programm minimu. Għall-programmi estiżi li għalihom livelli ta' preċiżjoni mhumiex iffissati, kul Stat Membru jrid jindika fil-programm nazzjonali tiegħu l-livelli ta' preċiżjoni li qed jimmira għalihom, u għar-relazzjoni ta' nefqa ma' preċiżjoni assoċjata mal-proċeduri ta' stima li se jintużaw.

B. **Livelli ta' preċiżjoni u intensitajiet tat-teħid ta' kampjuni**

1. Fejn mhux possibbli li jkunu definiti miri kwantitattivi għall-programmi ta' teħid ta' kampjuni, la f'termini ta' livelli ta' preċiżjoni, lanqas f'termini ta' daqs ta' kampjuni, stħarriġi li jagħtu idea fis-sens statistiku għandhom ikunu stabbiliti. Dawn l-istħarriġi li jagħtu idea jistmaw l-importanza tal-problema u anki jindirizzaw il-ħtieġ ta' stħarriġi iktar dettaljati iktar il quddiem, u r-relazzjoni tan-nefqa ma' kemm huma effettivi dawn l-istħarriġi iktar dettaljati.

4. Fejn miri kwantitattivi jistħu jkunu definiti, jistgħu jkunu speċifikati jew direttament b'qisien tal-kampjuni jew rati tat-teħid tal-kampjuni, jew bid-definizzjoni tal-livelli ta' preċiżjoni u ta' kunfidenza li trid tintlaħaq.

2. Meta riferenza issir għall-qies ta' kampjuni jew għal rata ta' teħid ta' kampjuni f'popolazzjoni definita f'termini statistiċi, l-istrateġiji tat-teħid ta' kampjuni trid tkun mill-inqas effiċjenti daqs it-teħid sempliċi u għall-arrieda tal-kampjuni. Dwn l-istrateġiji tat-teħid tal-kampjuni jridu jkunu deskritti ġewwa l-programmi korrispondenti nazzjonali.

3. Meta ssir riferenza għall-livell ta' preċiżjoni/kunfidenza, id-distinzjoni li ġejja hija stabbilita:

   (ċ) livell 1: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 25 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %;

   (ċ) livell 2: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 10 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %;

   (ċ) livell 3: livell li jagħmilha possibbli li jkun stmat parametru bi preċiżjoni ta' 5 % ftit iktar jew ftit inqas għall-livell ta' kunfidenza ta' 95 %.

KAPITOLU II

MODULU TA' L-EVALWAZZJONI TAD-DĦUL: KAPAĊITAJIET TA-SAJD U SFORZ TAS-SAJD

Ċ. **Ġbir tal-fatti dwar il-kapaċitajiet tas-sajd**

1. Għall-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru sabiex jistmaw, għal kull settur kif definit iktar tard, in-numru ta' bastimenti mwaħħla miegħu u l-valur medju għal kull bastiment tal-parametri definiti fil-punt (a).

(a) Parametri:

il-fatti miġbura jridu jinkludu l-bastimenti kollha tas-sajd koperti mill-programm multi-annwali ta' gwida (MAGP) IV:

— it-tunnellaġġ (tunnellaġġ mingħajr tnaqqis),

— is-saħħa massima kontinwa tal-magna verament żviluppata mill-magna ewlenija, wara li titnaqqas ir-rata kif meħtieġ, espressa f'kW kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2930/86 [1],

— iż-żmien tal-bastiment kalkolat fuq il-bażi taż-żmien tal-qafas.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

— il-fatti jridu jinġabru b'mod li possibbli li s-setturi definiti fl-Appendiċi III jkunu individwaliżżati,

— il-fatti jridu jkunu aġġornati kull sena.

(ċ) Livelli ta' preċiżjoni:

fatti li joħorġu mir-Regolament (KE) Nru 2090/98 jridu jinġabru b'mod li ma jħallu xejn barra. Għat-tipi l-oħra tal-fatti msemmija fil-punt (1)(a), il-programmi tat-teħid ta' kampjuni jistgħu jitħejjew biex jippermettu stimi li jilħqu l-livell 3 ta' preċiżjoni kif definit fit-taqsima B.

2. Programm estiż

(a) Il-parametri kumplimentari jinkludu:

— is-saħħa massima kontinwa tal-magna ewlenija qabel tkun imnaqqsa,

— is-saħħa massima kollha tal-magna(i) awżiljari użata għall-irfigħ u t-tarjoli tal-bastimenti b'tul totali ta' aktar minn 12-il metru,

— il-karatteristiċi ta' apparat komuni tas-sajd assoċjat ma' kull teknika tas-sajd, inklużi l-qisien u l-valur assigurat ta' dan l-apparat komuni,

— in-numru medju għal kull bastiment ta' l-apparat tas-sajd assoċjat mat-tipi varji ta' teknika tas-sajd.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

— it-taqsimiet li għandhom ikunu kkunsidrati huma definiti fl-Appendiċi IV,

— it-tipi ta' teknika tas-sajd li għandhom ikunu kkunsidrati huma wkoll definiti fl-Appendiċi IV,

D. **Ġbir tal-fatti relatati ma' l-isforz tas-sajd**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej:

(a) Parametri:

(i) konsum ta' karburanti [2];

(ii) sforzi tas-sajd skond it-tip ta' teknika: huma jitkejlu bit-total imtaqqal tal-ġranet tas-sajd assoċjati ma' medda u ma' perjodu speċifiku:

— kull ġurnata hija mtaqqla b'unit ta' kejl relatat mas-saħħa nominali tas-sajd ta' kull bastiment; dawk il-units huma definiti fl-Appendiċi V,

— ġurnata fuq il-baħar titqies bħala ġurnata kalendarja tas-sajd jekk mill-inqas operazzjoni waħda tas-sajd twettqet minn bastiment tas-sajd f'dik il-ġurnata, jew jekk apparat passiv tas-sajd tħalla l-baħar matul din il-ġurnata,

— kull ġurnata hija attribwita mal-medda fejn saret l-ewwel operazzjoni tas-sajd matul din il-ġurnata. Iżda, għal apparat passiv, jekk ma saret l-ebda operazzjoni mill-bastiment matul il-ġurnata mentri mill-inqas apparat (passiv) wieħed tħalla l-baħar, din il-ġurnata tkun assoċjata mal-medda fejn sar l-aħħar tqegħid ta' l-apparat tas-sajd ta' dak il-vjaġġ tas-sajd;

(iii) sforzi speċifiċi tas-sajd: huma assoċjati ma' ħażniet ta' interess speċjali. Huma definiti bħala sforz skond it-teknika, imma l-uniċi ġranet li għandhom ikunu kkunsidrati huma dawk fejn il-qabdiet li jinżammu abbord tal-ħażniet imsemmija fl-AppendiċI VI jaqbżu l-livelli riferuti f'dak l-Appendiċi.

— għal ħażniet speċifiċi units addizzjonali tal-kejl barra dawk definiti fl-Appendiċi V, jistgħu jintużaw bil-kondizzjoni li jħarsu l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti mill-organiżżazzjonijiet reġjonali tas-sajd involuti fl-istima ta' dawn il-ħażniet.

[1] ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1.

[2] L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

(i) rigward il-konsum tal-karburanti, fatti espressi bħala volum u nefqa jridu jingħabru b'mod li jkun possibbli tistma l-konsum medju tal-karburanti għal kull bastiment ġewwa kull taqsima kif definit fl-Appendiċi III, fuq bażi ta' kull sena [1];

(ii) għal sforz ta' sajd skond it-teknika, il-fatti jridu jingħabru bit-tipi ta' teknika definiti fl-Appendiċi VIII, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena u, skond il-livell 3 tad-disaggregazzjoni ġeografika definita fl-Appendiċi I;

Barra l-isforz totali, il-kontribuzzjoni ta' kull taqsima definita fl-Appendiċi III tkun individwalizzata (sforz skond it-teknika u skond it-taqsima) [1];

(iii) fil-livell ta' l-isforzi speċifiċi tas-sajd, il-fatti jingħabru bħall-isforzi skond it-teknika: billi jkunu separati t-tipi ta' teknika tas-sajd speċifikati fl-Appendiċi VIII, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, u skond il-livell 3 tad-disaggregazzjoni ġeografika definita fl-Appendiċi I.

(ċ) Livelli ta' preċiżjoni:

il-fatti li jikkorrospondu mad-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 [2] (li jiddefinixxi l-proċeduri speċjali tar-rekordjar ta' l-informazzjoni li tikkonċerna l-ħut li jittella' l-art mill-Istati Membri) jridu jingħabru b'mod li ma jħallu xejn barra. Meta fatti oħra huma meħtieġa, dawn jingħabru skond il-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni li jagħmlu possibbli li jintlaħqu għall-medji stmati skond it-taqsima, il-livell 2 ta' preċiżjoni għall-fatti li jikkonċernaw il-konsum tal-karburanti, il-livell 2 ta' preċiżjoni għall-isforz tas-sajd skond it-teknika, il-livell 1 ta' preċiżjoni għall-isforz speċifiku tas-sajd. Stħarriġ fuq fuq jista' jsir għall-isforz tas-sajd ta' l-apparat passiv.

2. Programm estiż

(a) Parametri kumplimentari:

għall-isforzi skond it-teknika u l-isforzi speċifiċi riferuti fil-punt 1(a)(ii) u (iii):

— units oħra tal-kejl barra dawk definiti fl-Appendiċi V, jistgħu jintużaw bil-kondizzjoni li huma dettaljati u ġustifikati fil-programmi nazzjonali,

— ħażniet u/jew livelli barra dawk definiti fl-Appendiċi VI jistgħu jkunu kunsidrati biex jiddefinixxu sforz speċifiku,

— barra minn hekk, għall-apparat tas-sajd barra n-nases, trappoli u xbieki ta' l-għadajjar, l-isforzi tas-sajd jistgħu jitkejlu skond l-operazzjoni. Fit-tali każijiet, il-units bażiċI jirreferu għall-operazzjonijiet tas-sajd u mhux għall-ġranet tas-sajd. Kull operazzjoni tikkorrospondi mal-kontribuzzjoni ta' l-hekk definit sforz tas-sajd billi timxi mar-regoli definiti fl-Appendiċi IX. Regoli oħra barra dawk indikati f'dak l-Appendiċi setgħu wkoll jintużaw sakemm ikunu deskritti sew u ġustifikati,

— fatti fuq sforz tas-sajd ta' nases, trappoli u xbieki ta' l-għadajjar jistgħu jingħabru bħala numru ta' apparat il-baħar, moltiplikati biż-żmien (numru ta' ġranet ta' kull apparat il-baħar fuq bażi ta' kull sena).

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

(i) fatti dwar il-konsum tal-karburanti jistgħu jingħabru b'mod li jkun possibbli tistma l-konsum medju tal-karburanti għal kull bastiment ġewwa kull taqsima kif definit fl-Appendiċi IV, fuq bażi ta' kull kwart tas-sena;

(ii) rigward l-isforz tas-sajd skond it-teknika u l-isforz speċifiku tas-sajd:

— fatti fuq l-isforz jistgħu jkunu individwalizzati skond it-tipi ta' teknika tas-sajd riferuti fl-Appendiċi X; tipoloġija aktar dettaljata tista' tintuża sakemm l-utilita hija deskritta u ġustifikata fil-programm nazzjonali,

— fatti ta' l-isforz skond it-taqsima jistgħu jingħabru skond it-taqsimiet definiti fl-Appendiċi IV,

— fatti ta' l-isforz jistgħu jingħabru fuq bażi ta' kull xahar, u jirreferi għal-livell 4 tad-disaggregazzjoi ġeografika ta' Appendiċi I; għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi VII fatti ta' sforz speċifiku jistgħu jingħabru għall-meded tal-fond speċifikat f'dak l-Appendiċi.

[1] L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.
[2] ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1.

KAPITOLU III

MODULU TA' L-EŻAMI TAL-QABDIET U TA' LI JITTELLA' L-ART

E. **Ġbir tal-fatti dwar il-qabdiet u li jittella' l-art**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

(a) Parametri:

— il-ġbir tal-fatti jrid jagħmilha possibbli li jkun eżaminat:

— dak kummerċali li jittella' l-art tal-ħażniet kollha, u

— għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XII, il-qabdiet kollha, li jittella' l-art u li jitneħħa, u

— qabdiet minn sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp f'ibħra marini għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XI,

— kull Stat Membru jrid jiddeskrivi il-fatturi ta' konverżjoni li uża.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni:

— għal kull Stat Membru, stima ta' dak kollu kummerċjali li jittella' l-art ikun provdut skond l-ispeċi, li jiddistingwi l-oriġini ġeografika tal-qabdiet skond il-livell 2 tad-disaggregazzjoni ġeografika ta' l-Appendiċi I. Iżda, jekk li jkunu raggruppati bosta speċi hija kkunsidrata aħjar, l-Istat Membri jistgħu jiksbu deroga mill-Kummissjoni, sakemm din tkun kompletament ġustifikata,

— għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XII, dak kummerċjali li jittella' l-art ikun disaggregat kif indikat f'dak l-Appendiċi,

— li jittella' l-art skond it-toqol u l-valur ta' kull taqsima identifikat fl-Appendiċi III irid ikun individwaliżżat skond l-ispeċi, skond il-kwart tas-sena u, dwar l-oriġini ġeografika tal-qabdiet, fil-livell 2 tad-disaggregazzjoni ġeografika skond l-Appendiċi I ([1]),

— li jitneħħa jkun sorveljat għall-ħażniet ta' l-Appendiċi XII sabiex jistma l-volum medju tal-qabdiet annwali skond it-toqol għall-perjodu tat-tlett snin, skond it-tip ta' teknika definita fl-Appendiċi III, ħlief għall-ħażniet li għalihom l-Appendiċi XII jispeċifika regola oħra ta' disaggregazzjoni,

— stħarriġ ta' fuq fuq, kif definit f'taqsima B, jeħtieġ li jkun implimentat għas-sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp imsemmija fl-Appendiċi XI, wara li jkun kunsidrat il-livell ta' disaggregazzjoni ġewwa l-istess Appendiċi.

(ċ) Livell ta' preċiżjoni:

— l-istima ta' dak kummerċjali li jittella' trid issir fuq il-bażi tal-fatti li ma jħallu xejn barra miġbura taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 ([2]) u fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ([3]) u għall-fatti mhux koperti b'dawn ir-Regolament bit-teħid ta' kampjuni u proċeduri statistiċi, b'tali mod li l-istimi jiksbu livell 3 ta' preċiżjoni għall-ħażniet suġġetti għat-TAC u regolamenti ta' kwota, livell 2 għall-ħażniet mhux suġġetti għat-TACs u l-kwoti mniżżla f'Appendiċi XII, u l-livell 1 għall-każijiet l-oħra,

— fatti relatati ma' l-istimi ta' kull sena għat-tneħħija tal-ħażiet imsemmija fl-Appendiċi XII trid twassal għal-livell 1 ta' preċiżjoni. Iżda, jekk l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni jew biss b'infieq eċċessiv, jistgħu jiksbu deroga mill-Kummissjoni biex jitnaqqas il-livell ta' preċiżjoni, il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni jew biex ikun implimentat stħarriġ ta' fuq fuq sakemm din it-talba tkun kompletament dokumentata,

— l-imneħħija relatati ma' ħażniet oħra barra dawk li għalihom l-Appendiċi XII jiddikjara stima ta' kull sena jridu jkunu koperti minn stħarriġ ta' fuq fuq. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istudji jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard,

— il-qabdiet minn sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp imsemmi fl-Appendiċi XI jridu jkunu suġġetti għall-istħarriġi ta' fuq fuq. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istħarriġi jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard.

(d) Skond id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri li hemm bżonn biex jiżguraw ir-reġistrazzjoni tal-fatti kollha relevanti skond l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, l-Istati Membri, meta jkun il-każ, jikkoperaw ma' l-Istati Membri l-oħra biex jiksbu fatti komprensivi li jkopru li jittella' l-art mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

([1]) L-informazzjoni hija kkunsidrata bħala parti mill-evalwazzjoni ekonomika miġbura bħala l-Kapitolu IV.

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

([3]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

2. Programm estiż

(a) Parametri kumplimentari:

— li jittella' l-art mill-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII,

— qabdiet minn sajd ta' passatemp u ta' rikreazzjoni għall-ħażniet barra dawk imsemmija fl-Appendiċi XI,

— għas-salamun, il-qabdiet meħuda f'estwarji, għadajjar u xmajjar fil-medda ġeografika tal-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana.

(b) Livell ta' disaggregazzjoni:

— il-fatti dwar dak kummerċjali li jittella' l-art tal-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XII jista' jkun disaggregat skond id-disposizzjonijiet definiti f'dak l-Appendiċi għall-programm estiż. Stratifiki ġeografiċi kumplimentari, skond il-fond jew kriterji oħra, jistgħu jsiru, sakemm din l-istratifika hija konsistenti mat-taqsima D, punt (2)(b)(ii), it-tielet inċiż, u li l-programm nazzjonali li jikkorrospondi jiġġustifika l-utilita' tiegħu,

— fatti dwar il-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII jistgħu jinġabru fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, billi jitqassmu l-qabdiet skod it-tipi ta' teknika definiti fl-Appendiċi III, u skond il-meded tal-livell ġeografiku 3 skod l-Appendiċi I. Għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi VII, il-fatti tista' terġa' tinqsam skond il-meded ta' fond definit f'dak l-Appendiċi,

— fatti tal-qabdiet jistgħu jinġabru skond it-taqsima kif definit fl-Appendiċi IV jew fl-Appendiċi X,

— fatti fuq li jitneħħa jistgħu jinġabru taħt il-programm estiż:

— fuq bażi ta' kull kwart tas-sena, bit-tip ta' teknika skond l-Appendiċi III u skond il-livell ġeografiku 3 ta' l-Appediċi I, għall-ħażniet fejn l-Appendiċi XII isemmi eżami ta' kull sena ta' dak li jitneħħa fil-programm minimu,

— fuq bażi ta' kull sena, b'separazzjoni possibbli tat-tipi ta' teknika tas-sajd skond l-Appendiċi III, mingħajr disaggregazzjoni ġeografika, għall-ħażniet fejn l-Appendiċi XII ma teħtieġx stima ta' kull sena ta' li tneħħa fil-programm minimu,

— fuq bażi ta' kull sena, mingħajr ebda disaggregazzjoni oħra għall-ħażniet imsemmija fl-Appendiċi XIII.

F. **Ġbir tal-fatti dwar il-qabdiet għal kull unit ta' sforz u/jew sforz effettiv ta' flotti kummerċjali speċifiċi**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej:

kull programm nazzjonali jinkludi reviżjoni ta' l-użu tal-qabdiet dettaljati u l-fatti ta' l-isforz mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, li ntużaw matul is-snin 1995 sa 2000 bi gruppi li jagħmlu stimi xjentifiċi. Din ir-reviżjoni tanaliżża t-toqol mogħti fl-istima ta' l-aħħar tal-ħażniet għall-indiċi korrispondenti ta' l-abbundanza u ta' l-isforz parzjali tas-sajd, il-possibilta li jittawlu is-serje ta' żmien li jikkorrospondu fuq il-bażi tal-qabdiet disaggregati u l-figuri ta' l-isforz kif imsemmija rispettivamet fit-taqsimiet D u E, kif ukoll il-possibilta tal-bżonn li tirreferi għal aktar fatti dettaljati. Kull Stat Membru jwassal il-konklużjonijiet li jikkorrospodu għand il-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2002 l-aktar tard. Il-Kummissjoni tibgħat lil STECF ir-riżultati ta' dawn l-analiżi, u tippreżenta l-kontenut tal-programm minimu għal din it-taqsima sal-31 ta' Marzu 2003 l-aktar tard.

2. Il-livell tal-programm estiż:

kull studju li jkopri d-definizzjoni ta' l-indiċi ta' l-abbundanza jew ta' sforz effettiv fuq bażi tal-qabdiet dettaljati u l-fatti ta' l-isforz li ġejjin mill-flotti kummerċjali huwa eliġibbli taħt il-programm estiż. Il-potenzal ta' utilita' ta' dawn l-indiċi għandu jkun stabbilit mill-programm nazzjonali. Dawn l-istudji jintbagħtu lil STECF. Jekk l-opinjoni ta' l-STECF ma tikkonfermax l-utilita' ta' dawn l-indiċi, l-istudju li jikkorrospondi ma jkunx kunsidrat eliġibbli minn hemm il-quddiem.

G. **Eliġibilita ta' l-istħarriġi ta' l-istimi xjentifiċi tal-*ħażniet***

1. Il-livell tal-programm minimu:

(i) L-istħarriġi kollha msemmija fl-Appendiċi XIV bl-ewwel prijorità, jridu jkunu koperti;

(ii) L-Istati Membri jridu jiggarantixxu fil-programmi nazzjonali tagħhom kontinwita mad-disinnji ta' l-istħarriġi ta' qabel;

(iii) Minkejja l-punti (i) u (ii), l-Istati Membri jistħu jipproponu modifika fl-isforz ta' l-istħarriġ jew fil-mod kif jittieħdu l-kampjuni, sakemm dan ma jaffettwax ħażin il-kwalità tar-riżultati.

2. Fil-livell tal-programmi estiżi l-istħarriġi kollha indikati bi prijorità 2 fl-Appendiċi XIV huma eliġibbli.

H. **Teħid ta' kampjuni bijoloġiċi tal-qabdiet: *komposizzjoni skond iż-żmien* u skond it-tul**

1. Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

(a) Parametri:

teħid ta' kampjuni bijoloġiċi jrid isir sabiex tkun eżaminata l-komposizzjoni tat-tul u fejn ikun il-każ taż-żmien, ta' li jittella' l-art mill-ħażniet kollha speċifikati fl-Appendiċi XV.

(b) Livelli ta' disaggregazzjoni u ta' preċiżjoni:

il-livelli ta' disaggregazzjoni meħtieġa huma speċifikati fl-Appendiċi XV kif ukoll l-intensitajiet basiċi ta' stratifika u ta' teħid ta' kampjuni. Iżda, l-Istati Membri jistgħu japplikaw strateġija oħra ta' teħid ta' kampjuni minn dik li tikkorrospondi għall-istratifika basika permess ta' teħid sempliċi ta' kampjuni bl-addoċċ fl-istrata definita fl-Appendiċi XV, u intensitajiet oħra ta' teħid ta' kampjuni barra dawk definiti fl-Appendiċi XV, sakemm dan il-metodu alternattiv jikseb l-istess jew livell ogħla ta' preċiżjoni bl-istess jew inqas efqa, u li dan hu stabbilit mill-programm nazzjonali rispettiv.

(ċ) Implimentazzjoni tal-programm ta' teħid ta' kampjuni:

l-Istati Membri li ttella' l-art fit-territorji tagħhom huma responsabbli biex iniedu programmi ta' teħid ta' kampjuni skond il-livelli definiti f'dan l-artikolu. Jekk hemm bżonn, l-Istati Membri jikkoperaw ma' l-awtoritajiet ta' terzi pajjiżi biex jistabbilixxu teħid ta' kampjuni bijoloġiċi ta' dak li jittella' l-art mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dawn it-terza pajjiżi.

Skond ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93, kull Stat Membru jieħu l-miżuri li hemm bżonn biex jiżgura l-ġbir tal-fatti kollha dwar l-attivitajiet tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ikun fejn ikun il-post fejn itellgħu l-art.

(d) Eżenzjonijiet dwar ir-regoli tat-teħid ta' kampjuni:

— tulijiet:

(1) il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tad-distribuzzjoni tat-tul tal-ħażniet li jittellgħu l-art li għalihom TACs u kwoti kienu definiti bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kwoti relevanti jridu jikkorrospondu għal inqas minn 5 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC jew għal inqas minn 100 tunnellata metrika bħala medja matul it-tlett snin ta' qabel;

(ii) is-somma tal-kwoti kollha ta' l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom hija anqas minn 5 %, jridu jammontaw għal anqas minn 15 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC.

Jekk il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (i) titħares, imma mhux il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (ii), l-Istati Membri relevanti jistgħu jwaqqfu programm ko-ordinat biex jiksbu għal dak kollu li jittella' l-art l-implimentazzjoni ta' l-iskema tat-teħid tal-kampjuni deskritta fl-Appendiċi XV, jew skema oħra tat-teħid ta' kampjuni, li twassal għall-istess preċiżjoni.

Jekk hemm bżonn, il-programm nazzjonali jista' jkun emendat sal-31 ta' Jannar ta' kull sena biex jikkunsidra l-bdil tal-kwoti bejn l-Istati Membri;

(2) għall-ħażniet li għalihom TACs u kwoti ma ġewx definiti u barra l-medda tal-Mediterran, l-istess regoli japplikaw fuq il-bażi tal-medja ta' li jittella' l-art fit-tlett snin ta' qabel u b'riferenza għal dak kollu li jittella' l-art fil-Komunità minn ħażna;

(3) għall-ħażniet fil-medda tal-Mediterran, dak li jittella' l-art skond it-toqol ta' Membru Stat tal-Mediterran għal speċi li tikkorrospondi għal anqas minn 5 % ta' dak kollu nazzjonali li jittella' l-art minn medda tal-Mediterran, jew għal anqas minn 200 tunellata metrika, ħlief għat-tonn bix-xewka blu.

— etajiet:

(1) il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tad-distribuzzjoni ta' l-etajiet tal-ħażniet li jittellgħu l-art li għalihom TACs u kwoti kienu definiti bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-kwoti relevanti jikkorrospondu għal anqas minn 10 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika bħala medja matul it-tlett snin ta' qabel;

(ii) is-somma tal-kwoti kollha ta' l-Istati Membri li l-allokazzjoni tagħhom hija anqas minn 10 %, jammontaw għal anqas minn 25 % tal-parti tal-Komunità tat-TAC.

Jekk il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (i) titħares, imma mhux il-kondizzjoni mniżżla fil-punt (ii), l-Istati Membri relevanti jistgħu jwaqqfu programm ko-ordinat biex jiksbu għal dak kollu li jittella' l-art l-implimentazzjoni ta' l-iskema tat-teħid tal-kampjuni deskritta fl-Appendiċi XV, jew skema oħra tat-teħid ta' kampjuni, li twassal għall-istess preċiżjoni.

Jekk hemm bżonn, il-programm nazzjonali jista' jkun emendat sal-31 ta' Jannar ta' kull sena biex jikkunsidra l-bdil tal-kwoti bejn l-Istati Membri;

(2) għall-ħażniet li għalihom TACs u kwoti ma ġewx definiti u barra l-medda tal-Mediterran, l-istess regoli japplikaw fuq il-bażi tal-medja ta' li jittella' l-art fit-tlett snin ta' qabel u b'riferenza għal dak kollu li jittella' l-art fil-Komunità minn ħażna;

(3) għall-ħażniet fil-medda tal-Mediterran, dak li jittella' l-art skond it-toqol ta' Membru Stat tal-Mediterran għal speċi li tikkorrospondi għal anqas minn 5 % ta' dak kollu nazzjonali li jittella' l-art minn medda tal-Mediterran, jew għal anqas minn 200 tunellata metrika, ħlief għat-tonn bix-xewka blu;

(4) Kull meta possibbli, qari ta' l-etajiet għandu jsir fuq qabdiet kummerċjali. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Istati Membri għandhom jispeċifikawha fil-programm nazzjonali tagħhom.

— Oħrajn:

jekk ko-operazzjoni bejn Stati Membri tiggarantixxi li l-istimi fuq kollox tal-parametri taħt il-punt (a) tilħaq il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ, kull Stat Membru ma jinżammx individwalment biex jiggaratixxi li l-fatti tiegħu huma biżżejjed biex jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni.

(e) Li jitneħħa

Li jitneħħa għandu jkun is-suġġett ta' stima ta' distribuzzjoni tat-tulijiet meta jirrapreżentaw fuq bażi ta' kull sena, jew aktar minn 10 % tal-qabdiet totali bħala toqol jew aktar minn 20 % tal-qabdiet bħala numru għall-ħażniet li għalihom fatti ta' kull sena ta' li tneħħa jridu jinġabru kif speċifikat fl-Appendiċi XII u skond ir-regoli definiti f'dak l-Appendiċi għal dak kumerċjali li jittella' l-art.

L-intensitajiet tat-teħid tal-kampjuni huma dawk kif definiti fl-Appendiċi XV għal dak kummerċjali li jittella' l-art.

Meta jitneħħew mill-meded tat-tul li mhux rappreżentati f'dak li jittella' l-art, qari ta' l-eta' trid issir skond ir-regoli mniżżla fl-Appendiċi XV.

Iżda, jekk l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu dan il-livell ta' preċiżjoni jew biss bi spejjeż eċċessivi, jistgħu jiksbu deroga mill-Kummissjoni sakemm din it-talba hija dokumentata kompletament.

(f) Sajd ta' rikreazzjoni u ta' passatemp

Għall-ħażniet speċifikati fl-Appendiċi XI, l-Istati Membri jridu jwaqqfu stħarriġi ta' fuq fuq konsistenti mal-livell ta' disaggregazzjoni definit f'dak l-Appendiċi. Dawn l-istħarriġi jridu jagħmluha possibbli li jistabbilixxu il-livelli ta' preċiżjoni meħtieġa għall-ġejjieni. Il-konklużjonijiet ta' dawn l-istħarriġi jridu jitwasslu għand il-Kummissjoni sal-31 t'Ottubru 2003 l-aktar tard.

2. Programm estiż:

parametri kumplimentari:

— il-programmi kollha tat-teħid tal-kampjuni għall-istimi tal-komposizzjoni skond l-eta' jew it-tul ta' dak li jittella' l-art u speċifikat fl-Appendiċi XV,

— il-programmi tat-teħid tal-kampjuni għall-istimi tal-komposizzjoni ta' kull sena tat-tulijiet ta' dak li jittella' l-art tal-ħażniet speċifikati fl-Appendiċi XIII,

— il-programm tat-teħid tal-kampjuni għall-istimi tal-komposizzjoni ta' kull sena tat-tulijiet ta' dak li jitneħħa mill-ħażniet speċifikati fl-Appendiċi XII u fl-Appendiċi XV.

I. **Teħid ta' kampjuni bijoloġiċi oħrajn**

(1) Fil-livell tal-programm minimu, il-fatti jridu jinġabru fil-mod li ġej.

(a) Parametri

(i) Il-kurvi tat-tkabbir bit-tul u bit-toqol, ir-relazzjonijiet bejn l-eta'/it-tul u l-maturita', u r-relazzjoni bejn l-eta'/it-tul u l-fertilita' jridu jkunu provduti għall-ħażniet kollha msemmija fl-Appendiċi XVI, inklużi dawk li mhux suġġetti għal stima ta' kull sena tal-komposizzjoni ta' l-eta' tal-qabdiet.

(ii) Programmi ta' teħid ta' kampjuni bijoloġiċi ta' dak li jittella' l-art jridu jkunu implimentati biex jistmaw il-parti tal-ħażniet varji ta' dak li jittella' l-art għal: aringa fi Skagerrak, Kattegat, u lvant tal-Baħar tat-Tramuntana, salamun selvaġġ u mrobbi fil-Baħar Baltiku, l-ispeċI varji tar-raja u l-ħamiem fil-meded IV u VIId.

(iii) L-Istati Membri għandhom iwettqu l-iskema tagħhom tat-teħid tal-kampjuni għar-ratio tas-sess mill-qabdiet kummerċjali tagħhom. Iżda, fil-każijiet fejn dan ix-xogħol huwa impossibli, il-kampjuni li nkisbu minn stħarriġi xjentifiċi jistgħu jintużaw.

(b) Livell ta' disaggregazzjoni

Għall-parametri riferuti fil-punt (a)(i):

— id-definizzjonijiet huma provduti bil-ħażniet skond il-perjodiċita definita fl-Appendiċi XVI. Il-validita tal-fatti eżistenti wżati għall-istimi tal-parametri bijoloġiċi jridu jkunu eżaminati kull tlieta sa sitt snin kif definit fl-Appendiċi XVI. L-Istati Membri jridu jaġġornaw dawn il-parametri jekk hemm bżonn,

